# S 5.3 MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS



**S5.3.2**
Nirriċerkaw dwar postijiet ta' kenn oħrajn minbarra d-djar.

## A. Aqra u agħżel it-tajba.



1. X'qed naraw fl-ewwel stampa?
   a) girna Maltija
   b) dar Maltija
   ċ) villa Maltija

2. Dan il-bini nsibuh l-iktar:
   a) fil-kampanja b) fl-ibliet Maltin ċ) fil-pjazza tar-raħal.

3. F'bini bħal dan fl-antik, il-bdiewa kienu jżommu
   a) l-għamara b) l-karozzi ċ) l-għodda tagħhom.

4. Fit-tieni ritratt jidher l-Għar il-Kbir. Dan l-għar jinsab ftit 'il bogħod:
   a) miż-Żurrieq,
   b) mill-irdumijiet ta' Ħad-Dingli,
   ċ) minn Tas-Sliema.



5. Fil-passat ġo Għar il-Kbir:
   a) qatt m'għexu mies
   b) ġie li għexu miljun ruħ f'daqqa
   ċ) ġie li għexu numru żgħir ta' familji

6. Semmi għar naturali ieħor f'Malta fejn ġie li għexu n-nies

_______________________________________________

7. Ikteb sentenza qasira dwar il-ħajja tiegħek kieku kellek tgħix ġo għar naturali bħall-Għar il-Kbir.

_______________________________________________

_______________________________________________

8. F'din l-istampa jidher:



a) għar Malti

b) razzett tipiku Malti

ċ) wied Malti

9. Illum ħafna bini bħal dan sirna nagħmluh:

a) blokka flettijiet

b) garaxx

ċ) post komdu ta' abitazzjoni li nsejħu *converted farmhouse*

10. Fil-passat min kien juża l-iktar bini bħal dan? U għal xiex kien jużah?

a) min kien jużah l-iktar

_______________________________________________

b) għal xiex kien jintuża

_______________________________________________

_______________________________________________

11. Fuq il-lemin jidher Qasam tad-Djar, bl-Ingliż *Housing Estate.*



a) Kemm-il sular fihom id-djar li qiegħed tara fir-ritratt?

______________________________

b) X'materjal intuża biex inbnew dawn id-djar?

______________________________

ċ) Għaliex id-djar jidhru kollha mibnijin l-istess?

______________________________________________________

d) Fejn tixtieq toqgħod, fi flett jew f'dar ġewwa qasam tad-djar? Għaliex?

______________________________________________________

______________________________________________________




12. Fl-istampa tidher blokka flettijiet.

Kemm-il-sular jidher?

________________________________

13. Is-sular ta' fuq nett tal-blokka hemm:

a) garaxx

b) ġnien pubbliku

ċ) *penthouses*

14. Għaliex meta tkun toqgħod fi flett, ma tistax tagħmel storbju, bħal pereżempju tħalli televixin bil-volum għoli ħafna?

______________________________________________________

______________________________________________________

15. Illum sirna nibnu bini fil-għoli ħafna. Meta bini jkun għoli ħafna, jissejjaħ *skyscraper*. Dan il-bini jinsab Malta.

Semmi vantaġġ wieħed li jkollna meta nibnu bini għoli bħal dan.



______________________________________________

______________________________________________

16. Għaliex taħseb li jekk jinqata' d-dawl elettriku, jista' jkollok problema kbira jekk tkun toqgħod f'bini għoli?

______________________________________________

______________________________________________

17. Fi triqtek biex tiġi l-iskola, x'tara l-iktar minn dan il-bini kollu li semmejna?

______________________________________________

______________________________________________

